MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1205/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Maria Lourdes Bailey**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u disghin liri maltin u sebghin centezmu (Lm297.70) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 9944 9404.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-koonvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' din il-kawza.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikati, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u sebgha u disghin liri maltin u sebghin centezmu (Lm297.70), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------